MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Numru. 85/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Joseph Xuereb**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Xuereb, ta' disgha u erbghin (49) sena, bin Carmel u Victoria neé Said, imwieled fl-10 ta' Ottubru 1961 u residenti fil-fond Anici, Triq id-Dawwara, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 45761(G) li gie

akkuzat talli nhar it-12 ta' Dicembru 2009 ghal habta ta' 18.30hrs fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem Ghawdex;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna l-mewt ta' Silvia Kluge u dan ai termini ta' sezzjoni 225 tal-Kodici Kriminali

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq vettura ta' ghamla Isuzu Gemini li ghandha numru tar-registrazzjoni CBC794 b'manjiera traskurata u perikoluza u dan ai termini ta' sezzjoni 15(1)(a)(3) ;

3. U talli f l-istess data, lok, hin u cirkustanzi, saq l-istess vettura b'velocita gholja u dan ai termini tal-artikolu 127 tal-avviz legali numru 65.11.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt li l-fedina penali tieghu hija wahda nadifa u l-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija.

Illi qabel ma tghaddi ghall-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, tirrakomanda li l-imputat ma jitlifx l-impieg tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Regolament 127 tal-Legislazzjoni Sussidarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija li, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin. A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti qieghda wkoll tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' mija u hamsin Euro (€ 150.00).

Finalment, il-Qorti qieghda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tlitt (3) xhur, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------